# IL-KEWKBA TAR-REBHA

Ninsab kont f'xatt il-baħar,
Waħdi, f'lejla sajfija:
Rajt kewkba tiddi tiddi
Fil-ħemda ta' fl-għaxija.

"Għidli, ġawhra tal-fidda,
X'rajt int mill-kobor t'hemm?"
"—Il-ħajja ta' missierek
Titwieled u tintemm.

"Rajt jien il-ġenn tal-bniedem,
Jieħdu minn swar għal swar,
Rajt bosta bliet qawwija
Li waqgħu taħt l-azzar.

"Rajt, erba' mitt sen'ilu,
In-nafra tas-sultan,
Li b'qilla kbira w ħarxa,
Ħabat għal da'l-ħitan.

"Rajt lil missirijietek,
Qalb l-ilsna tan-nirien,
Jitqabdu b'ħila kbira,
Weqfin fuq is-sisien.

"Rajt imma jien fuq kollox,
Il-qawwa tad-dirgħajn
Tal-Malti, li bil-bosta
Tagħleb lil ta' l-oħrajn.

"Sa fl-aħħar rajt lill-għadu
Mifxul, beżgħan, mikdud,
U b'ġirja liema bħalha
Jaħrab minn dawn l-ixtut.

"U l-lum jien qiegħda nara
Li l-glieda reġgħet bdiet:
Maltin bħal dawk ta' dari,
Bil-mija w bil-mijiet,

"Jiġġieldu għal dil-gżira
B'għaraq jikwi tad-demm,
U jġagħlu l-għadu jaħrab,
Jaħrab lil hemm—lil hemm.

"U jiena nista' ngħidlek
Li Malta se tistrieħ;
Ir-Rebħa se tkun tagħkom:
Qum uri wiċċ ferrieħ!"

Ninsab kont f'xatt il-baħar,
Waħdi, f'lejla sajfija:
Rajt kewkba tiddi tiddi
Fil-ħemda ta' fl-għaxija.

S. Boffa
(Student tal-Mediċina)